L-Università ta' Malta
Faculty for Social Wellbeing

# Mija - Mija

## Proposti għall-Ħabs, għall-Qasam Soċjali u għall-Qasam tas-Saħħa Mentali

Prof. Andrew Azzopardi
Dekan tal-Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'

L-Università ta' Malta
Faculty for Social Wellbeing

# Mija - Mija

## Proposti għall-Ħabs, għall-Qasam Soċjali u għall-Qasam tas-Saħħa Mentali

Published at Poulton's Ltd - Printers-Offset, Zejtun - Malta

# Table of Contents

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 7 |
| Mitt idea | 9 |
| Qasam soċjali fejn li tgħin huwa ġust | 21 |
| 100 Ħtieġa fil-qasam tas-Saħħa Mentali | 31 |

# Mija - Mija

*Mija Mija* huwa ktieb b' diversi proposti fil-qasam soċjali li żviluppajt f'oqsma varji flimkien ma' professjonisti, akkademiċi, NGOs, attivisti u nies affettwati bl-issues huma nfushom. L-iskop ta' dawn il-proposti, xi whud minnhom radikali għal Malta, huwa li joħolqu diskussjoni biex bil-mod il-mod nalinejaw l-politika soċjali moderna u bbażata fuq governanza soċjali tajba.

Dan id-dokument juri b' mod ċar u huwa xhieda li fadlilna ħafna x' nagħmlu f' dan il-qasam imma hemm ċertezza assoluta li hemm ir-riżorsi, l-għerf u l-kapaċita' biex nagħmlu pass 'il quddiem.

**Prof. Andrew Azzopardi**
Professur fil-qasam tad-Diżabilita' u l-iżvilupp tal-Komunita'

“Il-ħabs ma jibqax isakkrek u jarmi iċ-ċavetta
Imma jkun iċ-ċavetta biex inti timrah
f’orizzonti ġodda kif jixraqlek”

**MITT IDEA**

B’konsultazzjoni ma’ Peppi Azzopardi

1. Il-Ħabs jiġi dimilitarizzat u t-tmexxija tinqasam tafit Direttur Ġenerali b'kuntratt ta' 3 snin li jiġi kkonfermat kull sena, rwol maqbul minn żewġ terzi tal-Kamra. It-tmexxija tiġi separata bejn id- direttorat corporate u care u d-direttorat tas-sigurtà - dawn jaqgfiu tafit id-DG. Ħadd mill-managers preżenti m'gfiandhom jassumu dawn ir-rwoli minfiabba li issa t-tmexxija hija tafit investigazzjoni mill- inkjesta mfiabbra mill-Ministru Byrone Camilleri. Apparti hekk hemm fitieġa ta' 'demm ġdid'.

2. Wasal iż-żmien li l-Ħabs jitqiegfied tafit il-Ministeru responabbli mill-politika soċjali (gfiandi fiduċja gfiamja fil-Ministru Michael Falzon) fejn hemm ir-riżorsi kollha mefitieġa biex tingfiata r- riabilitazzjoni u jinżel ir-reċidiviżmu li bfialissa huwa ta' kważi 70%.

3. Is-sezzjoni tal-Forensika (MCH), is-sezzjoni tar-riabilitazzjoni tad-droga u s-sezzjoni taż-żgfiażagfi isiru private-public partnership ma' NGOs u titfialla t-tmexxija f'idejhom. Il-Gvern ikun rappreżentat fuq il-Bord tal-Gvernaturi fuq il-mudell ta' Dar Kenn gfial Safifitek, entità tas-safifia mmexxija minn Fondazzjoni.

4. Jinfioloq immedjatment Ombudsman gfiall-Ħabs u l-Probation li jkollu l-gfian li
   a. janalizza l-ilmenti
   b. jinvestiga allegati ta' mofiqrija ċ. jinvestiga l-imwiet
   d. jinvestiga suwiċidji jew attentati ta' suwiċidji
   e. jisma' lill-familjari
   f. ofirajn.

   Trid tkun entità kompletament indipendenti li taqa' tafit il-Parlament, u l-Ombudsman ikun/tkun mafitur/a bi qbil minn żewġ terzi tal-Kamra.

5. Ir-reklużjoni (solitary confinement) ssir illegali fil-Ħabs, fid-Detenzjoni u fil-Liġi Kriminali. Gfiandha titnefifia minn kull liġi li hemm fis-sefifi u li din hija inkluża fiha. Huwa metodu li joqrob lejn id- diżumanità u l-impatt dejjiemi huwa fl-istess livell ta' tortura istituzzjonalizzata. Il-Fakultà gfiat- Tisfiifi tas-Soċjetà ppreżentat dokument f'dan ir-rigward bi proposti marbuta ma' emendi fil-liġi.

6. It-tafiriġ tal-Uffiċjali tal-Ħabs jittiefied lura fl-Akkademija tal-korpi u f'kollaborazzjoni mal- Università ta' Malta fejn jitniehed kurrikulu bbażat mhux biss fuq tafiriġ koersiv u fiżiku, imma li l- uffiċjali jsiru kważi kważi loco parentis. It-tafiriġ ikun jiffoka fuq l-empatija u l-medjazzjoni, aktar milli t-tarki u kif tkeskes il-klieb lejn in-nies.

7. Il-close circuit u s-sorveljanza ssir mis-sigurtà tal-Ħabs, imma tasal ukoll direttament f'servers tal- Pulizija. Kull filmat ma jitnefifiiex qabel 3 xhur u jkun analizzat il-fiin kollu minn tim apposta indipendenti mir-reġim tal-Ħabs. M'gfiandux ikun tali cctv fiċ-ċelel.

8. Isir sforz biex il-popolazzjoni tal-Ħabs titnaqqas billi;
   a. jiżdied l-użu tat-tagging (mhux iċ-ċajta li dafifialna s'issa)
   b. l-arresti preventivi ikunu aktar ġustifikati
   ċ. jiġu deċiżi l-każijiet mill-Qrati aktar malajr (sa mhux aktar minn 6 xhur sa sena) u jekk ikun hemm każijiet pendenti gfiandhom jinġabru f'daqqa u mhux jgfiaddu x-xhur u s-snin bejn wafida u ohra
   d. każijiet 'żgfiar' ikunu aktar iffukati fuq pieni alternattivi bfial servizz fil-komunità
   e. il-kunċett ta' restorative justice jidfiol verament fis-sefifi

f. inkomplu nsaħħu l-probation services – dawn iridu jaqgħu taħt l-FSWS
g. l-użu tal-parole tidħol b'aktar frekwenza, b'effiċenza u trasparenza.

9. Ikun hemm aktar ħidma ġenwina mal-vittmi. Dawn għandhom ikunu xprunati b'medjazzjoni u fejqan mit-trawma.

10. Il-viżti jinbidel il-mod tagħhom billi;
a. isiru aktar frekwenti
b. jerġgħu jidħlu l-laqgħat konjugali
ċ. it-tfal qatt ma jiġu penalizzati minn waqfa tal-viżti
d. il-priġunieri bi tfal jitħallew jaraw lit-tfal f'postijiet adegwati u mhux Kordin
e. ikun hemm aktar telefonati u dan is-servizz jingħata b'xejn lil kulħadd (lokalment u internazzjonalment)
f. jekk it-telefonati għandhom jiġu rekordjati m'għandhomx jintużaw mir-reġim tal-Ħabs għal xi skop ħażin u d-data kollha għandha tiġi salvagwardjata skont il-liġi li tirregola dan is-settur
g. l-Uffiċjali jingħataw taħriġ kif għandhom iġibu ruħhom mal-viżitaturi.

11. L-NGOs li jaħdmu fil-qrib mal-priġunieri ma jibqgħux issikkati imma jingħataw carte blanche biex jidħlu meta, kif u xħin iridu u jitkellmu ma' min iridu. Ir-RISe u l-Caritas Malta għandhom isiru sħab de facto ta' kull bord fil-Ħabs.

12. Il-midja tingħata IMMEDJATAMENT aċċess għal kull rokna tal-Ħabs. Jitkellmu ma' min iridu u jiffilmjaw li jridu (fil-parametri ta' sigurtà). Ikollhom aċċess għall-priġunieri, staff u familjari kollha. L- IGM għandha tingħata l-mandat biex tagħmel din l-investigazzjoni flimkien man-newsrooms kollha. Għandha tingħata Crime Conference kull darba li jkun hemm każ li jseħħ fil-Ħabs u jkun fl-interess pubbliku li jsir jaf x'qed jiġri.

13. Il-bini tal-Ħabs fi żmien sentejn jagħlaq kollu. Tinbena faċilità ġdida post ieħor ħalli titneħħa l- istigma. Iċ-ċelel isiru fuq livell modern b'veduti, arja tajba, aktar spazju u bil-kumditajiet kollha kif hemm f'pajjiżi ċivilizzati u fejn ir-reċidiviżmu mhux m'ogħla s-sema u fejn m'għandhomx rekord ta' suwiċidji. Il-każijiet psikopatiċi u soċjopatiċi jitqiegħdu fi sptar. Il-bini tal-Ħabs għandu jitneħħa u tinżamm biss is-sezzjoni l-aktar antika bħala mużew li għandu jħammrilna wiċċna (kif inżamm per eżempju Auschwitz). Il-kumplament jiġi trasformat f'żona ta' rikreazzjoni, akkomodazzjoni soċjali, logħob avventuruż u attivitajiet sportivi.

14. Jitneħħew l-uniformijiet oxxeni tal-priġunieri. Għandha tidħol kodiċi tal-ilbies u min m'għandux ħwejjeġ jingħata ħwejjeġ tal-istess kwalità u livell.

15. L-'age of criminal responsibility' titla' għal 18-il sena ħalli l-pajjiż jirrikonoxxi li t-tort ta' persuna kriminali tinsab fuq spallejna u mhux fuq il-priġunieri li huma wkoll vittmi għax ġew abbandunati mis- sistema. Il-'crime prevention policy' terġa' tiġġedded u tingħata ħajja ta' vera u mhux kemm ġiet ippubblikata għal-lasta.

16. Tiġi mnehdija 'Inkjesta tal-Inkjesti' li jew ma sarux, jew li allegatament ġew imbabsa. Tim ta' eks- imħallfin u professjonisti oħra għandhom jieħdu r-riedni. Kull inkjesta li saret tiġi mqiegħda għall- iskrutinju tal-pubbliku u l-midja.

17. Kull tmexxija u membri ta' kull bord fil-Ħabs jiġu mitluba jirriżenjaw u jiġu sottomessi għall- Inkjesta. Irid ikun stabbilit jekk kinux jafu b'dan li qed jiġri u jekk le, għalfejn ma tkellmux. Jiġu re- instated biss jekk ikun ċar li ma għalqux għajnejhom jew dawru wiċċhom.

18. Tiġi investigata direttament l-imġiba tad-Direttur. Jinħolqu protokolli ta' personality testing immedjatament ħalli jiġi stabbilit jekk id-Direttur preżenti għandux il-ħiliet, l-intelliġenza emottiva u l-kapaċità empatika - jekk le, raġuni aktar biex jitwarrab immedjatament. Kull Direttur ġdid/a għandhom ikollhom dan l-iskrutinju ħalli jidħlu jmexxu nies f'sensihom. Apparti hekk għandu jkun hemm superviżjoni professjonali esterna adegwata. Sakemm jinstab Direttur u tiġi mibdula l- istruttura, it-tmexxija tal-Ħabs tiġi f'idejn is-segretarju permanenti u jinħoloq standing committee magħmul minn 5 esperti anzjani biex jgħinu fit-tmexxija.

19. It-tim ta' professjonisti għandu jkun ibbażat barra l-precincts tal-Ħabs u jidħol jagħti servizz b'hekk tiġi evitata l-familjarità u l-allegat pressjoni li qed issir fuqhom, fosthom biex tingħata informazzjoni fuq il-priġunieri li jkunu tkellmu f'kuntest tewrapetiku. Joperaw indipendenti mill- Ħabs u d-Direttur preżenti.

20. Kull mezz ta' tortura għandu jitwaqqaf u kull għodda għal dan il-każ titneħħa, fosthom is-siġġu tat-tortura u s-sodda tat-tortura. L-uffiċjali għandhom jiġu mħarrġa f'physical restraint mingħajr użu ta' forza u mingħajr użu t'armi.

21. Issir diskussjoni Parlamentari b'urġenza fuq din it-tema. Il-Ħabs huwa l-aktar ħolqa importanti fl- istruttura tal-Criminal Justice System. Jekk tirrokka din, jinżel kollox – u iva din qed tirrokka.

22. Issir kampanja permezz tal-midja mhux biex inferrxu gidba li dan xi villaġġ aqwa mill-Ġenna (kif ippruvaw jagħmlu b'kompliċità mal-PBS), imma biex il-Poplu jsir iħobb lill-priġunieri ħalli dawn isiru jħobbu lura lis-soċjetà, ħalli mbagħad jagħmlu anqas vittmi, ma jidħlux il-Ħabs u jsiru ċittadini tajbin

– u jien jekk ikolli ġar eks-priġunier, moħħi jkun mistrieħ.

23. Is-sistema tal-privileġġi għandha tkun 'morphed' fi proċedura li l-priġunieri jifhmu x'ħa jiġri, aktar milli titħalla f'idejn min għandu kilba għall-poter u l-kontroll u jimxi bil-burdati u l-preferenzi. Viżti mill-familja u x-xogħol m'għandhom qatt jiġu mimsusa minn din il-proċedura.

24. Il-Ħabs għandu jkollu standard operating procedures għal kull ħaġa taħt il-kappa tax-xemx. Il- kejl ta' suċċess tal-KPIs għat-tmexxija tal-Ħabs huwa b'kemm jonqos ir-reċidiviżmu.

25. L-ikel fil-Ħabs huwa mandra, ħniżrija. Min ingħata l-kuntratt qed jimxi skont it-termini tat- tender? L-ikel qed jiġi mwassal fid-diviżjonijiet b'mod tajjeb u sħun? L-ikel huwa ta' kwalità għolja? L-uffiċjali qed jieklu xi ikel differenti? Min qed isajrilhom? Mhux jieħdu tal-kuntrattur? Għaliex? Dan irridu nifhmu x'qed jiġri. Inkjesta oħra fuq din hija importanti għaliex l-ikel huwa fondamentali għas-saħħa fiżika u psikoloġika.

26. Qed issir esplojtazzjoni tal-ħabsin biex jaħdmu ġranet sħaħ u jitħallsu sa €300 massimu? Dan sew? Dan vera? Min jingħata l-privileġġ jaħdem u fuq liema kriterji?

27. Min m'għandux flus fil-Ħabs, kif jixtri l-affarijiet li għandu bżonn? Vera t-tuck shop huwa aktar għoli minn barra? Dan kollu għandu jiġi rivedut immedjatament. X'jiġri min m'għandux flus?

28. Għandhom immedjatment jidħlu protokolli biex jipprovdu kura għall-problemi kbar ta' saħħa mentali. Għandha tieħu rwol prinċipali r-Richmond Foundation f'dan il-qasam.

29. Il-mudell riabilittattiv għandu jkun imfassal fuq il-mudell suċċess(un) tar-RISe. Iħallu f'idejn min iħobb u min irid il-ġid u mhux f'idejn min jara l-Ħabs bħala kamp tal-battalja.

30. Għandhom jittellgħu posters f'kull kantuniera li jgħidu:

*Il-mod kif għandha tiġi mrażżna l-kriminalità hija bl-imħabba u r-rispett. Aħna (l-uffiċjali) qegħdin hawn biex nieħdu ħsiebek mhux biex inbeżżgħuk.*

*Qegħdin hawn biex nisimgħuk u nippruvaw nifhmuk.*
*Aħna għandna xewqa li issa li għaddejtu minn taħt idejn il-pulizija u l-Qrati tiġu hawn magħna u ngħinukom ssibu t-tajjeb li hemm fikom.*

*Merħba f'post fejn ħa ngħinukom tiġu mifhuma aktar fis-soċjetà, fejn ħa nħarrġukom fil-ħiliet li għandkom bżonn.*

*Il-vjolenza u l-kriminalità li intom għamiltu, aħna nifhmu u intom tifhmu li hija ħażina u għalhekk nixtiqukom tagħmlu paċi mal-vittmi, tagħmlu paċi mal-familja tagħkom, tagħmlu paċi magħkom infuskom.*

*Aħsbu fuq li għamiltu ħalli ma terġgħux.*

*Għas-soċjetà intom importanti ħafna u fejn inqasniekom bħala soċjetà, aħfrulna.*
*Ejja irsistu, aħna rridu nimxu l-vjaġġ magħkom u l-għan tagħna huwa li noħorġu 'l barra minn dan il-bini magħkom u nilqgħukom lura fis-soċjetà. Inħobbukom.*

*Hawnhekk la narmu ċ-ċavetta u lanqas lilek.*

*Hawnhekk nagħtuk iċ-ċavetta biex tiftaħ l-orrizonti ġodda li jixirqulek.*

31. L-użu tal-x-ray għandu jkun biżżejjed biex jevita l-istrip searches mingħajr raġuni jew suspett iffondat (għandu jinħoloq protokol). Dan ksur tad-dritt tal-bniedem u proċess invażiv għall-aħħar. Għandna neżaminaw jekk l-użu tar-raġġi huwiex ta' detriment għan-nies li jgħaddu minnu.

32. Għandha ssir evalwazzjoni tal-użu tal-methadone u pirmli oħra li qed jingħataw bl-addoċċ.

33. Għandha ssir investigazzjoni mill-Medical Council, kif jingħad mill-midja, li d-Direttur Kurunell ingħata d-direzzjoni mit-tobba biex jintuża s-siġġu tat-tortura. Dan ksur tal-etika medika.

34. Fil-Ħabs kollu jiġu installati l-ACs immedjatament kif ilu jgħid Peppi. Din mhix sempliċiment kwistjoni ta' frisk, imma s-sħana (u l-bard) qed tkun waħda mill-elementi ta' disperazzjoni li qed twassal biex in-nies jippruvaw jagħmlu suwiċidju – din l-inkjesta għandha taraha.

35. Għandha ssir investigazzjoni għalfejn c.8% biss tal-priġunieri għandhom programm ta' riabilitazzjoni kif qal il-manager tal-Ħabs stess. Għalfejn hemm min mhux jingħata

opportunità ta' edukazzjoni? Għandha tiġi eżaminata għalfejn hemm min mhux jitħalla jistudja.

36. Il-benefiċċju li jingħata lill-priġunieri jiżdied u jibda jsir means tested. Hemm ħafna u ħafna priġunieri li m'għandhomx għaxja ta' lejla u lanqas ikollhom flus biex jixtru l-bżonnijiet bażiċi tagħhom (li nerġa' ngħid fil-Ħabs huma m'ogħla s-sema). L-għotja 'taċ-ċella' (anke nisma' din il-kelma nitqażżeż) hija pittance. Għandha tidħol l-Millenium Chapel u LEAP (FSWS) biex tgħin lill- priġunieri fi ħdan il-Ħabs fejn jidħlu l-bżonnijiet ta' kuljum.

37. Jiġi assigurat li jkun hemm żoni li huma multi-faith biex kull min għandu reliġjon differenti minn tagħna jista' jipprattika bil-libertà u l-privatezza kollha.

38. Issir sistema ta' job rotation għal kulħadd. Wara li jsir il-famuż care plan (daħka fil-wiċċ bħalissa għax jibqa' fuq il-karta) ikun hemm (nara hawn ir-rwol tal-Jobs Plus, l-UHM u l-GWU):
    a. sistema ta' xogħol fil-Ħabs jew barra għal kull priġunier/a
    b. dak ix-xogħol jiġi kkumpensat sew
    ċ. jingħata opportunità kulħadd u mhux kif jiddeċiedi mingħajr kriterji u mingħajr proċeduri d-Direttur Kurunell
    d. ix-xogħol jingħata wara li jkun sar proċess ta' għażla b'mod trasparenti minn bord awtonomu.

39. Għandna verament ninvestu f'prison education u mhux xi inizjattiva tokenistika, kull meta jħettilu xi ħadd jew għax jirnexxilna nakkwistaw xi ftit soldi mill-EU. Nafu li l-prison education twaqqa' r-reċidiviżmu u fil-verità meta f'Malta l-edukazzjoni minn ġuf l-omm sa meta jkollok 100 sena huwa mingħajr ħlas hija ovvja li l-ispiża mhux għolja. Dan is-servizz għandu jkun afdat f'idejn l- unit li jieħu ħsieb l-life long learning fi ħdan is-sistema tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

40. Il-priġunieri għandu jkollhom support worker li jibda magħhom mill-mument li jitressqu l-Qorti (idealment meta jaħbtu wiċċ imb' wiċċ mal-pulizija) u jibqa' jsegwihom fil-proċess kollu, u mhux nagħmlu dak li l-aktar iħalli impatt negattiv, ċioe li jibda għaddej minn servizz għall-ieħor, tal- continuum ta' servizzi, mingħajr ebda kontinwità. Dan il-proċess għandu jkun fdat lil FSWS f' kollaborazzjoni mal-NGOs Mid-Dlam għad-Dawl u RISe. Apparti hekk, kull Imħallef u Maġistrat meta jinħatar, jagħmlu 24 siegħa f'ċella ħalli jifhmu minn xiex jgħaddu l-priġunieri.

41. Il-kultura macho fil-Ħabs hija waħda mir-rovini li hemm. Nħisbu li l-biża' u t-twerwir huma l- għodda ewlenin. Minflok ninsew li l-aktar ħaġa importanti hija l-'gift of the gab', il-kapaċità li timmedja, timmotiva u tinnegozja, li titkellem u tempatizza, li turi li tifhem imma li jkollok ukoll bilanċ ta' ħiliet psikoloġiċi emottivi. L-irġiel u t-tmexxija miżoġenista għandha tinbidel fi tmexxija minn mara. In-nisa fil-qasam soċjali jbbrillaw ħafna aktar mill-irġiel.

42. F'Ħabs trid titlaq mill-punt li kulħadd huwa f'riskju ta' suwiċidju. Li tħalli lill-familja, li taf li ħa tagħmel dawk is-snin kollha ġewwa, li titlef il-libertà, li taf li meta toħroġ mhu ħa ssib xejn kif kien, awtomatikament joħolqu fil-bniedem anzjetà tremenda li nafu li twassal għall-imġiba ddisprata.

43. Nissostitwixxu l-kultura ta' kalmanti li hemm rampanti fil-Ħabs ma' kultura ta' talk therapy, group sessions, one-to-one therapies, imma li jkun hemm varjetà u kwalità għolja u li

jingħataw mhux darba fil, minħabba n-nuqqas ta' riżorsi, imma l-ħin kollu. Għandu jkun hemm youth workers tal-anqas wieħed/waħda f'kull diviżjoni, animaturi/OTs li jgħinu biex ineħħu d-dwejjaq u telqa, tal- anqas 15-il social worker biex ikopru lil kulħadd b'mod regolari fejn ikunu jistgħu wkoll jaħdmu mal- familji, il-vittmi u l-komunità. Għandhom jidħlu ukoll sezzjonijiet ta' gruppi u team building bejn l- priġunieri biex jintegraw ma' xulxin u jsiru jħobbu lil xulxin. Il-Ħabs għandu jsir il-mera ta' kif għandek iġġib ruħek fis-soċjetà.

44. Il-Ħabs ikollu sistema ta' miri u objettivi li jridu jintlaħqu u s-sistema tikkumpensa dak is-suċċess permezz ta' bonus għall-ħaddiema u aktar riżorsi biex taħdem.

45. Il-Ħabs għandu jkollu medjatur kulturali u translator għal kull kultura differenti li hemm, li jgħinu biex ilaqqgħu l-priġunieri ma' xulxin u jgħinuhom jiżviluppaw relazzjoni pożittiva.

46. Isir xogħol mhux biss mal-priġunieri KOLLHA b'care plan ta' vera u mhux ta' fuq il-karta, imma isir ukoll xogħol mal-familjari tal-priġunieri biex jiġu akkumpanjati huma u jistennew li jaslu lura l-qraba tagħhom.

47. Ikun hemm Transition Officer li jaħdem mal-priġunieri meta jlestu mis-sentenza tagħhom biex meta joħorġu litteralment ikunu akkumpanjati minn din il-persuna sakemm l-eks-priġunieri jsibu saqajhom.

48. Il-paġelli tal-avukati jkunu raġonevoli. Issir diskussjoni mal-Kamra biex ikun hemm skala ta' ħlasijiet li VERAMENT tiġi mħarsa. Apparti hekk, meta persuni jitressqu l-Qorti jkun hemm il-privacy u mhux issir show kull darba li jidħol akkuzat (li kkonsidrat innoċenti).

49. Ikun hemm struttura li tissapportja l-Open Prisons, minimum security prisons u maximum security prisons.

50. Multi bħala parti minn sentenza għandhom jieħdu wkoll forma oħra ta' kumpens, per eż permezz ta' servizz fil-komunità ħalli persuna li ssib ruħha b'multa kbira, la jkollha bżonn tagħmel aktar ħabs u lanqas ikun hemm bżonn terġa' tagħmel att kriminali biex iġġib dawk il-flus.

51. Tinħoloq ġabra ta' rapporti li saru fuq Malta (minn entitajiet barranin bħas-CPT) u jiġu misluta l- kwistjonijiet ewlenin u jsir pjan ta' 6 xhur biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Dan huwa proċess li għandu jkun qed jitmexxa minn entità bħall-uffiċċju tal-Ombudsman.

52. Jinħoloq channel tar-radju; podcast; vlog, gazzetta u anke kontribuzzjoni fuq il-mainstream media biex il-priġunieri jkollhom il-vuċi tagħhom. Il-ħtieġa li jitkellmu hija fondmenatli fil-fejqan.

53. Kull diviżjoni jkollha ir-rappreżentant tagħha mill-inmates li jitkellem/titkellem għan-nom tal- priġunieri ta' dik id-diviżjoni. Dawn ikollhom aċċess il-ħin kollu għal membru tal-amministrazzjoni tal-Ħabs. Jinħolqu wkoll stakeholders' committee magħmul minn priġunieri, eks-priġunieri, NGOs, professjonisti, nies fil-midja u d-DG.

54. Tinħoloq skola ta' arti espressiva fi ħdan il-Ħabs; teatru, mużika, skultura, pittura eċċ b'kurrikulu u programm ikkreditat. Dan għandu jsir f'kollaborazzjoni mal-Performing Arts School tal-UM.

55. Għandha tinħoloq sistema ta' Fostering ta' priġunieri biex dawk li m'għandhomx min jagħmlilhom viżta jew inkella lil min iċemplu, joħolqu mezz ta' komunikazzjoni.

56. Jingħataw aktar flus lid-Dipartiment tal-Kriminoloġija biex ikun hemm aktar studju ffukat fuq Prison Studies.

57. Il-Pulizija, f'kull livell ta' kariga, tingħata taħriġ fuq il-Ħabsijiet.

58. Priġunieri jiġu mħarrġa kif jitkellmu fi skejjel u f'Youth Centres biex jużaw l-esperjenza tagħhom ħalli jgħidu minn xiex għaddejjin u għaddew u l-prezz li ħallsu.

59. Titneħħa s-sentenza ta' għomor fil-Ħabs.

60. Il-każ ta' Liam Debono jiġi analizzat permezz ta' inkjesta wara li dak li seħħ seta' kien tort tal- istat. Dan għandu jkun test case għall-oħrajn li hemm bħalu. Apparti hekk, tfal taħt it-18 -il sena m' ghandhom qatt ikunu fil-Ħabs. Hawnhekkk nara r-rwol tal-Foundation for the Wellbeing of Society, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, Fakultà tal-Edukazzjoni u CROM.

61. Għandu jsir taħriġ mal-Uffiċjali fuq kif għandhom jittrattaw u jaħdmu ma' nies ġejjin minn pajjiżi varji, kif ukoll ta' reliġjon, kultura, tradizzjonijiet differenti. Għandhom jingħataw l-opportunità jiskontaw s-sentenza f'pajjiżhom, basta mhux f'Ħabs agħar minn tagħna.

62. Għandu jsir taħriġ mal-Uffiċjali fuq kif tidentifika radikalizzazzjoni. Hawn entità tal-gvern li qed tagħmel xogħol fuq hekk. Ir-rwol tal-akkademija huwa importanti wkoll. Għandna esperti f' dan ukoll.

63. Għandu jkun hemm politika ta' trasparenza - PR mill-Ħabs għandha relevanza f'dan il-mument anqas minn kemm tiswa l-karta li jiktbuha fuqha. Il-Ħabs ġie misjub ħati ta' gideb u qerq ripetutament. Min-naħa tagħhom 'less said the better'.

64. Min għandu ċerta età jew mard kroniku għandu jiġi rilaxxat mill-Ħabs. Per eżempju bħalissa jidher li hemm raġel ta' 87 sena.

65. Irid mhux biss ikun programm ta' trażżin ta' droga, imma xogħol ma' min għandu problema ta' droga. L-għerq ta' ħafna mill-kriminalità hija dik. L-istat irid jammetti li falla fil-ġlieda kontra d-droga u l-falliment tiegħu jidher fin-numri tal-Ħabs. Għandha tinħatar kummissjoni biex tiggwidana kif noħorġu minn din il-balbuljata.

66. Għandhom jingħataw inċentivi lil min jimpjega lil eks-priġunieri u multi lil min jiddiskrimina kontriehom.

67. Għandha tiġi mnaddfa l-Fedina Penali ħlief f'każijiet bħal abbuż fuq tfal minħabba l-ħsara li tista' ssir. Il-bqija għandu jkollok dritt li tkun mnaddfa wara li tkun għamilt is-sentenza.

68. Il-Gvern għandu jieħu l-iżbriga li jsib impjieg lil kull priġunier eżatt kif joħroġ. Il-Gvern għandu jkun eżemplari fl-impjieg ta' dawn il-persuni.

69. L-ekx-priġunieri għandhom jingħataw immedjatament kif joħorġu mill-Ħabs garanzija ta' 6 xhur benefiċċju li jkun tapered. Isibuh lest u jibda jattwa ruħu bil-quddiem kif joħorġu mill-Ħabs ħa jsibu l- flus u jkunu jistgħu jgħixu. Gandhom ukoll ikollhom bil-lest debit card, liċenzja tas-sewqan, file b' referenzi għal xogħol, numri ta' kuntatt u dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Ma' dan għandhom jingħataw bagalja bi ħwejjeġ

għal kull staġun u għal kull okkażżjoni, ġodda fjamanti li jixtru mal- uffiċjali on-line biex ikunu għazluhom huma.

70. Issir analiżi u reviżjoni tas-sezzjoni tal-forensika. Din entità li spiċċat b'ħafna rjus, il-psikjatra, id- direttur kurunell u l-maġġur tal-post. Wisq kaptani! Għandi dubji serji x'qed jiġri hemm.

71. Persuni trans u gay għandhom ikollhom protezzjoni mill-popolazzjoni ġenerali. Irid sir minn kollox biex jiġi evitat KULL abbuż.

72. Il-Ħabs sa 3 xhur oħra irid isirlu awditjar biex ikun aċċessibbli għal kull min għandu diżabilità. Ċelel, toilets u l-kumditajiet neċessarji, kollha għandhom jittranġaw jew jinbidlu jew inkella min għandu diżabilità ma jingħatax piena ta' Ħabs.

73. Il-PBS (Television Malta 1+2, Radju Malta u tvm.com.mt) għandhom ikunu katalisti biex iġibu l- informazzjoni korretta u mhux jaqgħu għan-nassa ta' propaganda qarrieqa, għax jerġgħu jsibu lili u lil Peppi lesti biex nikxfuhom. Il-PBS għandha mhux tirrapporta imma tinvestiga l-ħruxijiet li jiġu rappurtati. L-ebda parti minn dak li qed isehh fil-Ħabs m'għandu jitħalla barra mid-diskussjoni.

74. Hemm Uffiċjali li huma magħrufa għal ħruxija tagħhom - għandhom jitneħħew.

75. M'għandniex fiduċja fil-Bord tal-Governanza jew xi board ieħor fil-prezent li ħa jsegwi xi ilmenti meta għandu lil Kurunell Direttur membru eks-ufficio jew iħuf u jdur ma' dawn il-kumitati - ara min ħa jibboderja jagħmel ilment! Il-Kurunell mhux postu hemm u għandu jiġi msejjaħ meta jgħajtulu. Wasal iż-żmien li jkun hemm 'demm' ġdid u indipendenti minn kull relazzjoni mal-Ministru u mar- Reġim tal-Ħabs. Wasal iż-żmien li tali persuni jiġu appuntati mill-President u mhux minn Ministru li jiddefendi pubblikament u allura jikkontamina t-trankwilità li biha jistgħu jaħdmu dawn il-Bordijiet.

76. Kull membru tal-istaff ikun assessjat minn tim awtonomu għall-istat mentali tiegħu/tagħha.

77. Għandu jiġi stabbilit protokol mal-UM u mal-MCAST biex ta' kull sena l-priġunieri jkollhom iċ- ċans japplikaw għall-korsijiet. Għandu jkun hemm 'desk' bl-informazzjoni għal min jixtieq ikompli l- istudji tiegħu. Dan m'ghandux ikun mogħti bħala privileġġ - nafu li l-istudju u l-edukazzjoni huma wieħed mit-trattamenti li għandha bżonn soċjetà.

78. Għandu jkun hemm programmi speċjalizzati għal min għandu kawża ta' pedofelija b'trattament u terapija intensa.

79. Il-Ħabs għandu jevita li jkun hemm taħlit bejn nies li għandhom każijiet differenti u ta' livelli differenti ħalli ma tħajjarx l-karriera kriminali.

80. Għandu immedjatament jinħoloq standing committee biex kull min ġej minn familja fejn hemm storja ta' kriminalità jsir sforz intensiv u interventi b'sahhithom. Nara f'din l-inizjattiva l-importanza tal-FSWS.

81. Il-faqar jipperpetwa l-kriminalità. Din kwistjoni li għandha tiġi studjata u wieħed jara x'inhuma l- inizjattivi li nistgħu nimplimentaw biex dan jitnaqqas. Nara r-rwol tal-Millenium Chapel hawn. Apparti hekk f'żoni fejn nafu li hemm problem, jiżdied mhux biss il-community policing imma ħafna aktar community development workers u anke jsir xogħol ma' komunitajiet ta' nies barranin. Nara r- rwol ta' organizzazzjonijiet bħal Cottonera Resource Center (UM), St Jeanne Antide Foundation, LEAP, FSWS u anke l-uffiċċji tas-sigurtà soċjali.

82. Irridu immedjatament nagħmlu xogħol ma' tfal li nafu li ħa jaqbdu t-triq tal-kriminalità u allura flimkien mal-Ministeru tal-Edukazzjoni nimplimentaw programm mhux t'esklużjoni jew fejn nieħdu gost li dawn it-tfal ma jiġux lejn l-iskola, imma nfittxuhom u ngħinuhom. Hawn sehem importanti tal- Aġenzija Żgħażagħ. Hemm xogħol tajjeb li qed tagħmel Dr Lydia Abela.

83. Irridu immedjatment ninvestu ħafna u ħafna aktar riżorsi f'attivitajiet ta' avventura ħalli nevitaw li ż-żgħażagħ joħorġu fit-triq u jibdew jilagħbu mad-droga. Hawn r-rwol importanti tal-Aġenzija Żgħażagħ.

84. Ir-rwol tal-Kummissarju tal-Ġustizzja huwa mudell ta' kif għandhom jaħdmu l-entitajiet, b'miri fuq it-tajjeb tal-persuni u b'mentalità t'appoġġ u għajnuna, aktar milli kundanna u twarrib mill- mainstream.

85. Kunsilli Lokali għandhom jaddottaw bħala komunità, familji u individwi li qed ibatu u jweżnuhom, jaġevolawhom u jagħtuhom l-għajnuna li hemm bżonn. Hawn r-rwol tal-Kunsill Lokali, tal-iskola, tal- għassa tal-pulizija, soċjetajiet tal-banda u tal-parroċċa f'din l-inizjattiva.

86. Għandna immedjatament naraw politiċi minn kull naħa jagħmlu pressjoni biex din l-imġiba tal- wafix fil-Ħabs tinbidel. Politiku qiegħed hemm ukoll għal dawk il-priġunieri u l-familji tagħhom. L- opportuniżmu politiku m'għandux ikun ir-raison d'être tagħhom. Naf li hemm uħud mill-MPs li vera jħossu għal li qed jiġri. Jinħoloq premju għall-iktar Deputat li jitkellem dwar il-priġunieri.

87. Immedjatament għandhom jinbidlu l-uniformijiet militari tal-uffiċjali u dawn jibqgħu biss għas- sezzjoni tal-SRT. L-uniformijiet tal-Ufficjali l-oħrajn jinbidlu u m'għandhomx ikunu qed jipprovokaw bil-puppaġni imma jagħtu messaġġ ta' inkontru.

88. Għandu jsir awditjar u nkunu nafu kemm il-Kurunell Direttur nefaq f'armi fil-Ħabs, jekk humiex f' post sigur biżżejjed, jekk hemmx protokolli preċiżi ta' meta jintużaw, jekk min għandu aċċess għall- armi huwiex fi stat li jikkontrolla ruħu/ruħha.

89. It-trasportazzjoni tal-priġunieri lejn il-Qorti u lejn l-isptar jassorbi ħafna ħin tal-uffiċjali. It- trasportazzjoni għandha tiġi pprivatizzata u mogħtija lil kumpanija biex twettaq dak ix-xogħol. In tant l-uffiċjali jkunu jistgħu jibqgħu ffukati fuq xogħolhom li għandu jkun l-ewwel u qabel kollox pastorali u ta' kura u mhux provokattiv, waqt li joqogħdu jieħdu gost jirrekordjaw ħlok kif qalulna fl- istqarrija, jużaw it-terapija! Il-priġunieri għandhom jingħataw ċ-ċans ikunu preżenti f'attivitajiet tal- familja, bħal precett u birthdays mingħajr ħitieġa t'uffiċjali bl-uniformi jew uffiċjali in the first place (użu ta' tagging biżżejjed).

90. Priġunieri li għandhom problemi intelletwali m'għandhomx ikunu mal-general population tal- Ħabs imma jingħataw kura minn tim speċjalizzat. Hawn hawnhekk rwol tal-Aġenzija Sapport u tad-Dar tal-Provvidenza.

91. Kull priġunier għandu jingħata televiżjoni, radju, mini-fridge, logħob eletroniku, u użu tal- internet u mhux min għandu kollox u min xejn. Għandu jkun hemm firxa wiesgħa ta' kotba.

92. Kull diviżjoni jkollha bitħa adegwata (u mhux xi xaft) b'gym barra u postijiet fejn jistgħu jiġu ppratikati l-isport u attivitajiet fiżiċi oħra. Hawn nara r-rwol tal-Olympic Committee ta' Malta, l-MFA u assoċjazzjonijiet sportivi varji li jistgħu jagħtu sehem.

93. Id-disinn tal-Ħabs u l-interior decorations għandhom ikunu maħduma b'mod xjentifku. Hawn nara r-rwol tal-istitut tad-disinn tal-MCAST u l-Fakulta tal-Built Environment tal-UM.

94. Għandu jiġi studjat l-impatt tad-daqq tal-qniepen u l-buzzers, tal-ħin xħin jingħata l-ikel u tal- iskeda kollha kemm hi, biex din ma tkomplix tgħakkes il-persuni. L-istituzzjonalizzazzjoni ħiha nnifisha ġa hija problema - irridu nsibu mod kif l-istruttura tkun organizzata mingħajr ma ġġibek robot u mingħajr ma tikkawżalek aktar trawma.

95. L-avukati jingħataw aċċess għall-klijenti tagħhom mingħajr problema u mingħajr ħafna tiġbid u tqanżih. Avukat huwa dritt - dan għandu jiġi mħares. Għandu jkun hemm pool akbar u aktar effiċenti t'avukati li jaħdmu ma' nies li ma jeffordjawx l-ispejjeż tal-avukat. Dan m'għandux ikun servizz tokenistiku imma għandu jkun servizz li jingħata bi professjonalità u konsistenza daqs li kieku qed jieħdu servizz fil-privat. Nara wkoll r-rwol tal-legal clinic tal-Fakulta tal-Liġi. Ma jistax ikollok avukati b'konflitti ċari ta' interess.

96. Għandna nikkonsidraw mudell ta' Therapeutic Communities.

97. Għandu jkollna Ħabs li qabel kollox iħares id-dinjità tal-persuna għax meta min żbalja turih li tħobbu, hemm ċans akbar li jagħraf l-iżball li għamel.

98. Il-Ħabs għandu jkun ibbażat fuq il-valuri soċjali tal-Knisja fost oħrajn, id-dinjità, ir-rispett lejn il- bniedem, il-protezzjoni tal-vulnerabbli, is-solidarjetà, l-inklużjoni u l-ġid komuni.

99. Il-Ħabs għandu jkollu spina b'saħħitha ta' SDGS, ċioe ta' Sustainable Development Goals (li Malta rratifikat). Dawn imperattivi biex jgħinu fid-disinn ta' kulma jsir fil-Ħabs.

100. L-ebda persuna ma tkun fuq xi wieħed mill-Bordijiet tal-Ħabs jekk tkun mogħmija bil-lealta' lejn il-Ministru tal-Intern jew lejn il-Partit. Ir-rwolijiet għandhom ikunu mimlija minn nies leali lejn il- kawża tal-priġunieri, il-familji tagħhom, il-vittmi u s-soċjetà inġenerali.

Qasam soċjali fejn li tgħin huwa ġust

Il-qasam soċjali jinsab f'salib it-toroq - dawn huma sett ta' ideat biex jgħinuna nirriflettu ħalli nikkalibraw dan is-settur.

1. Dan qasam li xxotta mit-tmexxija. M'hemmx biżżejjed nies fil-pożizzjonijiet ewlenin li jħaddnu etika u viżjoni soċjali. Dan qasam li ma jaffordjax jiġi mmexxi minn nies sempliċiment għax huma 'ta' ġewwa'. Jekk xejn dawk li jmexxu għandhom ikunu ta' ġewwa imma 'fil-qasam soċjali'!

2. L-MCVS għandha tieħu rwol aktar ċentrali biex il-volontarjat ikollu l-vuċi aktar b'saħħitha. L-MCVS għandha tiffedera imma fl-istess ħin tkompli tipprovdi mhux biss riżorsi finanzjarji u spazji (importanti ħafna dawn), imma li tkun il-forum fejn il-qasam soċjali, fejn hemm bżonn, ikollu vuċi kollettiva. L-MCVS m'għandhiex tiddejjaq tippożizzjona ruħha fil-qasam soċjali anke kontra l-Gvern jew l-istituzzjonijiet l-oħra. Il-Kummissarjat tal-VOs għandu jevolvi minn sempliċiment entità regolatorja għal dik li twieżen u tixpruna s-settur. Għandi fiduċja fit-tmexxija l-ġdida.

3. Il-Kummissarjati huma kunċett li telaq b'mod tajjeb. Illum mhux jaħdem jew kważi. Il-Kummissarjati għandhom ikunu l-id transversali fil-qasam soċjali. Għandhom ikunu jirrispondu lill- Parlament u mhux isiru proprjetà u tiżjin tal-Ministru.

4. Il-qasam soċjali ġie mifrux f'viżibilju Ministri: Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni; Ministeru għall-Gustizzja u l-Governanza; Ministeru għas-Solidarjetà u l-Gustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal; Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali; Ministeru tal-Edukazzjoni; Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja; Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, Ministeru tas-Saħħa - bla sens! M'hemmx għalfejn ngħid li dan apparti s-Segretarji Parlamentarji li kollha qishom għandhom il-fewdu tagħhom. Dan irid jinbidel. M'għandux ikollna Ministeri madwar il-politiku imma Ministeri li jiġu razzjonalizzati u jitqiegħdu nies fihom li għandhom l-amor proprju. Imma apparti hekk irid isir awditjar biex din il-frammentazzjoni titneħħa għax mhix tħalli frott. Nistenna li l-Ministeru li jħaddan fih il-politika soċjali għandu jkollu tmexxija f'dan il-qasam.

5. Għandha titħejja road map soċjali. Il-qasam soċjali la jaf fejn qiegħed u wisq aktar ma jaf fejn irid imur. Għandu jkun hemm Ministeru ewlieni li jixpruna dan il-vjaġġ u din il-viżjoni. Ftit xogħol beda - irridu nħaffu.

6. Min ikun f'pożizzjonijet fit-tmexxija soċjali mal-iStat u l-NGOs għandu jsirilhom assessjar psikometriku biex il-persuna tkun adegwata u fejn il-ġudizzji professjonali jsiru sew.

7. Għandna nħeġġu l-ħolqien ta' aktar NGOs - l-argument li hemm wisq NGOs hija stupida. L-NGOs jirrappreżentaw parti minn kawża u l-entużjażmu tagħhom għandu jkun dak li jixgħel il-ftila. Min qiegħed fit-tmexxija tal-qasam soċjali u jħares lejn l-NGOs bħala theddida għadu ma fehem xejn.

8. Il-flus li jagħti l-Gvern lil NGOs u li tagħti l-EU fil-programmi tagħha m'għandhomx ikunu l-karrotta biex isir li jridu dawn it-tnejn. Għandna immedjatament noħolqu Fondazzjoni awtonoma biex il-flus li jagħti l-Gvern ma jkunx dirett lejn l-assoċjazzjoni imma tkun ir-responsabilità tal-Fondazzjoni li talloka l-fondi, b'hekk ikun hemm awtonomija mill-Gvern. Għandha tinħoloq proċedura u sistema strutturata u mhux għax tkun taf teqred tingħata l-fondi u jekk le tbati. Għandu jkun hemm kriterji serji, trasparenti u ċari.

9. Meta l-Gvern jixtri s-servizzi dan għandu jiġi nnegozjat b'mod pubbliku u trasparenti. M'għandix dubju li l-għoti lill-NGOs jew lil privat huwa intenzjonat li jrendi liż-żewġ partijiet, imma t-trasparenza tgħin biex jitneħħew d-dubji u l-grazzji. L-għajnuna li tingħata għandha tkun fuq pjan ta' 3 snin u mhux sena b'sena ħa jkunu jistgħu jsiru l-pjanijiet sew min-naħa ta' kulħadd. Min-naħa l-oħra naħseb qed immorru fl-estrem u ċerta servizzi essenzjali għandhom xorta jibqgħu f''idejn' il-Gvern, speċjalment jekk dawn ma jkunux koperti minn servizzi statutorji eżistenti.

10. Il-ġbir jieqaf u jsir illegali. Meta jkun hemm proġett ġdid l-NGO għandha tmur għand il-Fondazzjoni u mhux titkarrab. Il-kampanji fuq il-mezzi tax-Xandir għandhom ikunu fuq il-kawża u mhux il-ġbir. Bl-afluwenza ekonomika li ngħidu li għandna, dan il-ġbir mhux aċċettabbli u l-mudell karitatevoli għandu jitneħħa. Madankollu li jkun hemm maratona t'ideat u ta' appoġġ f'forma umana u ta' volontarjat jagħmlu ħafna sens.

11. L-UM (speċjalment il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà) tieħu rwol aktar qawwi fil-proviżjoni ta' riċerka biex is-settur soċjali jkun iggwidat mill-evidenza empirika u la minn knee-jerk reactions u wisq anqas minn ħolma li jkollu xi politiku li jipprova jagħmilha sseħħ l-għada filgħodu. Biex naraw xi differenza rridu nibdew nitfgħu miljuni ta' ewro f'riċerka għal dan is-settur soċjali.

12. Aktar xogħol biex jonqos il-miżoġeniżmu li jaħkem f'dal-pajjiż. Irridu naraw aktar u aktar tmexxija ta' nies fl-oqsma soċjali. Il-ħila tan-nisa dehret ħafna meta kien hemm huma fit-tmun, empatija mżewqa ma' determinazzjoni, passjoni lejn il-kawza u sparixxa l-ego.

13. Titjib fl-ambjent li huwa sinonimu ma' kwalità ta' ħajja. Il-ġentrifikazzjoni, il-bejgħ t'artna lil min għandu l-flus u l-kuntatti issa qed tilħaq livell li qatt ma rajna bħalu. Il-kunċett tal-'pubbliku' għandu jkun ċentrali. Il-Gvern għandu jifhem li mingħajr postijiet ta' serħan u għajnuna, il-poplu jimrad.

14. Iffinanzjar ta' matrix dwar il-kwalità ta' ħajja biex inkunu nistgħu nirrispondu għall-ħtiġijiet soċjali b'mod spedit.

15. Pjan b'saħħtu biex niġġieldu s-solitudni. Wara rapport u riċerka empirika estensiva mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, huwa l-waqt li dawk l-44% li jħossuhom weħidhom jiġu indirizzati mill-aktar fis.

16. Rwol u aktar riżorsi lill-Kunsilli Lokali biex isiru l-ewwel linja ta' difiża għaċ-ċittadin. Għandhom ikunu viċin in-nies u jkollhom biżżejjed riżorsi biex iseddqu l-komunitajiet tagħhom.

17. Jitqiegħed Community Development Worker f'kull lokalità (ma' kull Kunsill) biex iżomm il-polz fuq il-komunità. Kull proġett, żgħir kemm hu żgħir għandu jkun iggvernat bl-assessjar tal-impatt soċjali.

18. Il-pagi tal-ħaddiema soċjali (Psikologi, social workers, youth workers, terapisti, eċċ) inkomplu ngħolluhom ħalli jonqsu l-ammont li jitilqu wara ftit u tal-anqas ikun hemm pagi paragunabbli mal-privat.

19. It-tfal jibqgħu mwarrba fis-soċjetà tagħna, u l-involviment tagħhom huwa biss tokenistiku. Irridu politika nazzjonali li tieħu l-ħajja. Irridu nkunu ggwidati mill-Fondazzjonijiet bħal The Malta Foundation for the Wellbeing of Society, The Malta Trust Foundation u CROM biex dan is-settur jieħu l-ħajja.

20. Għandna nkunu aktar viġilanti għall-immigranti minorenni. Storja wara storja tal-waħx - m'aħniex nirrealizzaw li għandna cohort kbir kemm hu kbir, li qed jiżloqilna mis-sistema soċjali tagħna. Hawn nara r-rwol tal-AWAS. Xi wħud jgħixu barra mill-konfini tal-protezzjoni tal-iStat, xi wħud ġie rappurtat li siefru minn Malta u ma nafux x'sar minnhom.

21. Għandna nsibu mod kif il-mudell tas-Safeguarding Commission tal-Knisja jintuża anke f'kuntesti oħra fejn hemm it-tfal (bħal pereżempju fil-qasam sportiv, teatrali, mużikali) jew ir-remit tagħhom jiġi estiż.

22. Il-mudell tal-Cottonera Resource Center (tal-UM) għandu jiġi rispekjat ukoll fiż-żona tat-tramuntana u anke f'Għawdex. Il-qofol ta' kollox huwa l-edukazzjoni fil-komunità u dan huwa mudell li ħalla ħafna ġid.

23. Il-kumitati tal-Parlament relatati mal-oqsma soċjali għandhom jingħataw aktar riżorsi biex jiġu provduti b'materjal u informazzjoni li tgħinhom jiffunzjonaw aħjar u jippreparaw lill-leġistlaturi kif għandu jkun.

24. Is-servizz tal-avukat mogħti mill-iStat ikun mkabbar u msaħħaħ. L-Università għandha tieħu l-ispirazzjoni tagħha mil-Law Clinic (Fakultà tal-Liġi) biex jiġu provduti servizzi pro bono bil-moniteraġġ tal-letturi għal min m'għandux biżżejjed riżorsi.

25. Il-liġijiet kollha għandhom ikunu f'verżjoni child friendly. Apparti hekk il-Parlament għandu joħloq kumitat ġdid kompletament iffukat fuq it-tfal. Il-Parlament għandu jkollu tal-anqas 3 seduti fis-sena fejn jixpruna l-kwistjonijiet tat-tfal li jkunu stabbiliti fl-aġenda parlamentari. Il-Parlament għandu joqgħod għall-kritika u l-iskrutinju tal-KNZ, entitajiet tat-tfal u anke individwi.

26. It-tfal ma jintużawx waqt kampanji politiċi jew ta' reklamar.

27. Iċ-ċentri ta' detenzjoni ma jżommux lill-immigranti rregolari aktar milli tgħid il-liġi. Is-servizzi tagħhom jiżdiedu u l-operat isir aktar trasparenti. Ikun hemm aċċess komplut għall-ġurnalisti, l-NGOs u l-avukati u tieqaf il-prattika tar-reklużjoni.

28. Isiru kampanji kontra r-razziżmu fuq il-midja nazzjonali. Jissaħħu u jiġu implimentati b'aktar saħħa, proċeduri kontra r-razziżmu fil-midja soċjali u f'kull post ieħor.

29. Il-proċeduri fil-Qrati jsiru child friendly. Kemm f'child care orders, kemm f'rikorsi, kemm fid-'dar tat-tfal' u l-lista tkompli. M'hemmx sensittività biżżejjed mill-Qrati, li aktar ffissati biex jippreservaw il-pożizzjoni tagħhom milli jħarsu l-ħtiġijiet tat-tfal bħala prijorità. Jerħa' jiġi kkonsidrat li l-care orders jew joħorġu mill-Ministru responsabbli mill-politika soċjali jew inkella minn delegat tal-Ministru b' ħiliet u kompetenza fis-settur. Il-Qrati donnhom qed jorqdu fuq dawn it-talbiet.

30. Irid ikun hemm pjan biex nindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali li jaħkem u jgħaffeġ tant nies. Nara hawn ir-rwol tal-Millennium Chapel u tal-Caritas Malta fost oħrajn.

31. Irridu nassiguraw li l-iskejjel isiru ċentri komunitarji għat-tagħlim tul il-ħajja. Sar ħafna f'dan ir-rigward u rridu nsaħħuhom.

32. Ikun hemm aktar għarfien u riċerka dwar l-impatt tas-servizzi edukattivi estiżi (bħall-programm tal-FES Klabb 3-16) u kif jimpattaw fuq il-ħajja/it-trobbija tat-tfal.

33. Ikollna politika ċara u trasparenti fejn jidħol l-ażil. It-tgħaffiġ, l-omerta u l-inkonsistenzi li

hemm huma xi ħaġa straordinarja. Għandu jinħoloq kumitat maħtur mill-Prim Ministru biex jeżamina l-proċeduri u l-istrutturi li hemm u jidħol fl-anqas dettal. Dan għandu jkun kumitat magħmul minn professjonisti u esperti.

34. Nies ma jibqgħux f'detenzjoni aktar milli tippermetti l-liġi. Però għandna nipprovdu servizzi biex nikkumplimentaw dan il-proċess. L-open u l-closed centers għandhom ikunu f'koordinament u mhux l-id ix-xellugija ma tafx x'qed tagħmel l-id il-leminija.

35. Ninvestu aktar fiż-żgħażagħ bħala mexxejja permezz t'investiment aktar qawwi fl-edukazzjoni non-formali.

36. Is-sezzjoni 'soċjali' tal-programm/manifest elettorali għall-elezzjoni li ġejja tkun l-istess u maqbula bejn iż-żewġ partiti imma miktuba mill-akkademiċi u l-professjonisti flimkien mar-rappreżentanti taż-żewġ partiti.

37. Ma jidħolx l-abbort akkost ta' kollox.

38. L-użu tal-ħaxixa jiġi dikriminalizzat imma MHUX legalizzat.

39. Isir taħriġ fil-lobbying soċjali kif isir per eżempju fl-EU. Għandha tinħoloq sistema ta' liċenzjar u reġistrar ħalli jkun kollox above board.

40. Żgħażagħ ta' 16-il sena jkunu jistgħu jikkandidaw ruħhom bħala kandidati għall-elezzjoni ġenerali. Għandu jkun hemm iż-żgħażagħ b'siġġu f'kull kumitat u f'kull awtorità tal-Gvern.

41. L-FSWS bħala entità tiċkien u ssir aktar sleek u r-riżorsi li qed tixrob din is-supra agency imorru fl-aġenziji u d-direttorati. Irridu naħdmu biex iktar minn 80% tal-flus fl-operat għandu jmur direttament fis-servizzi man-nies.

42. Il-kunċett ta' bordijiet u kumitati kull fejn tara għajnejk, li f'diversi każi huma tokenistiċi, jiġu razzjonalizzati u jkollhom ToRs ċari.

43. NGOs żgħar għandhom jingħataw ħafna għajnuna u widen. Irridu ndaħħlu aktar taħriġ tal-amministrazzjoni mingħajr ma nifgawhom. Irridu nagħmlu kampanja biex aktar ċittadini jkunu involuti f'oqsma differenti għax li tagħti sabiħ.

44. Malta għandha terġa' tassumi rwol ta' ners fil-Mediterran u toħroġ hi tgħin lil min qiegħed f'nofs ta' baħar. Għandha tkun xempju ta' għajnuna umanitarja u għandna ngħinu kemm nifilħu anke jekk ma jaqgħux fis-SAR tagħna. Il-mentalità m'għandha qatt tkun li nikkonfrontaw lil dawn in-nies u l-NGOs imma li nkunu parti mill-għajnuna.

45. L-iStat għandu jirrevedi l-kunċett kollu tal-benefiċċji soċjali għax huwa ħafna aktar proċess ta' dependenza milli ta' għajnuna biex tkompli tibni ħajtek. Fi zmien 3 snin ghandu jkollna mudell kompletament modern imfassal fuq kuncetti kontinentali. Ghandha ssir kampanja nazzjonali kontra l-istigma li tinholoq f' min jiehu l-beneficcji kif ukoll biex ikun hemm ligjiet b' sahhithom kontra l-benefit frauds. Hemm wisq servizzi socjali li n-nies ma jafux fuqhom. Il-ħtieġa ta' informazzjoni fuq x'jeżisti hija important imma ghadha nieqsa jew mhux accessibbli bizzejjed.

46. L-edukazzjoni għandha tiġi reġuvinata b'mudell fejn l-istudenti jkunu fiċ-ċentru u mhux fil-periferija tal-proċess. L-ikbar tibdil irid ikun li l-kreattività tirbaħ fuq l-istruttura riġida madwar l-eżamijiet u li l-iskejjel isiru postijiet ta' konfront t'ideat u fejn l-istudenti jsiru politiċizzati u attivi. Irridu niffokaw fuq kif insaħħu l-massa kritika u mhux kif nagħmlulhom mażra.

47. L-iStat għandu jipprovdi ħafna u ħafna aktar opportunitajiet fit-teatru, arti u mużika biex kulħadd ikollu sehem x'jagħti.

48. Għandu jsir aktar xogħol biex nindirizzaw il-problema kbira tal-homelessness. Għandna bżonn politika nazzjonali li tassigura li ħadd ma jibqa' lura, bil-fatti u bil-provi.

49. Il-fenomenu tas-sandwich generation u l-impatt tat-'tfal' li qed jibqgħu d-dar u kif qed dejjem tikber u aħna lanqas biss qed nitkellmu fuqha. Hemm bżonn ħidma u riċerka fuq dan l-fenomenu.

50. Il-Unions għandhom l-ewwel isiru difensuri tat-tajjeb u mhux tal-ħaddiema. Għandna nsaħħu lil MCESD u din għandha tkun struttura ħafna aktar preżenti u b'saħħitha.

51. Għandha tinħoloq Assemblea Nazzjonali magħmula minn service recipients, service providers, esperti soċjali, akkademiċi, operaturi soċjali, NGOs u professjonisti biex ikun hemm konversazzjoni kontinwa fuq l-qasam soċjali. Il-President ta' Malta għandu jkun li jiffaċilità.

52. Għandu jkollna definizzjoni ta' 'familja' ħalli nkunu nistgħu nibnu l-politika soċjali. Nara hawnhekk ir-rwol tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà. Il-qasam tal-familja reġa' sparixxa mill-focus tal-iStat. Irridu nkomplu nibnu fuq il-kampanji ta' positive parenting.

53. Għandna ninvestu fl-Eating Disorders, li qed issir problema enormi speċjalment għall-ġenerazzjoni tat-tfal żgħar. Problema li qed thalli hafna vittmi.

54. Il-Broadcasting Authority għandha tixpruna t-tip ta' reklamar li jsir biex jiġu evitati reklami li jagħmlu ħsara.

55. Il-Ħabs jinsab f'abissi. Irreferi għal mitt idea li pproponejna fid-dokument "IL-ĦABS MA JIBQAX ISAKKREK U JARMI Ċ-ĊAVETTA IMMA JKUN IĊ-ĊAVETTA BIEX INTI TIMRAH F'ORIZZONTI ĠODDA KIF JIXRAQLEK"

56. Il-kunċett tal-koezjoni soċjali jidħol fid-diskors pubbliku u fil-politika soċjali. Kuncetti bħal soċjetajiet armonjużi, integrazzjoni soċjali u komunitajiet morali, iridu jsiru r-risposta għall-politika neo-liberali li ħasdet u ħakmet lil dan il-pajjiż.

57. Kull post tax-xogħol għandu jkollu 'gwardjan soċjali' biex jassigura li l-policies isiru b'mod tajjeb u li jħarsu l-bniedem. Idealment dan isir mill-Unions imma għandi nkwiet kbir li dawn l-entitajiet qed jitilfu r-relvanza tagħhom mal-ħaddiema u mhux ikunu t-tarka li għandhom bżonn il-ħaddiema. Għalhekk ninkoraġixxi biex tinħoloq konversazzjoni ħalli din l-istruttura (tal-Unions) terġa' tieħu l-ħajja u tappoħħja u tiddefendi mhux biss l-abbonati imma l-ħafna ħaddiema esposti u mifluġin mill-employer tagħhom b'mod speċjali persuni barranin, imma mhux biss.

58. L-uffiċċji tal-Gvern għandhom jagħtu opportunità biex il-priġunieri u l-eks priġunieri jaħdmu fl-entitatjiet tagħha. Wara ftit taz-zmien il-fedina penali għandha tiġi nadifa, ħlief f'każi t'abbuż ta' tfal. Għandha tinħoloq portal nazzjonali biex id-data tal-kriminalità tkun irrekordjat in real time b'data li tasal direttament mill-pulizija u minn forzi ta' sigurtà oħrajn. Din għandu jkollha open access għall-uu ta' riċerka u għall-informazzjoni nazzjonali u għandha tiġi koordinata bejn il-Pulizija, id-Dipartiment tal-Kriminoloġija (Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà) u l-Ombudsman tal-Ħabs u l-Parole (ladarba jinħoloq) biex jiġi assigurat li d-data hija ħielsa minn interpretazzjoni suġġettiva.

59. Il-Gvern għandu jwaqqaf unit fi ħdan il-Kabinet li jkollu r-rwol li jixpruna u jirradrizza l-policies u l-istrateġiji li qed nivvintaw waħda f'waħda. Għandu jkun hemm kontinwità u struttura.

60. L-anzjanità tiġi indirizzata u 'attakkata' mhux bid-djar tal-anzjani imma bis-servizzi komunitarji prinċiparjament. Għandna ninċentivaw li l-familji jibqgħu jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom. Għandhom ukoll jissaħħu sistemi ta' sapport non-formali fi ħdan l-irħula u l-ibliet.

61. L-NGOs il-kbar m'għandhomx ikunu qed jieħdu dawn l-ammonti kbar ta' flus biex imbagħad ikollhom pagi esaġerati. Għandu jkun hemm strutturi ta' pagi paragunabbli ma' dawk tal-Gvern la qed jintużaw fondi tal-iStat u tal-Poplu.

62. Għandu jsir sforz biex kull mediċina tingħata (anke jekk hija rari) u b'xejn u mhux inkunu niddependu mill-karità għal ċerta mediċinali.

63. Il-pajjiż għandu jkun kollu kemm hu fiżikament aċċessibbli. Irid isir pjan biex minn tarf sa tarf f' dan il-pajjiż ikollna bankini sura ta' nies u mhux qed nispiċċaw niżolaw lil kull min għandu problemi t' aċċessibilità għax ma jkunu jistgħu jmorru mkien, imqarr ġo ħanut, knisja, bank, każin.

64. Il-Guardian of Future Generations hija struttura li tinħtieġ tikber aktar u jkollha profil akbar.

65. Kull NGO soċjali għandu jkollha struttura ta' Standard Operting Procedures. L-istat tramite l-Malta Standards Authority (MSA) għandu jkompli jappoġġja lill-għaqdiet f'dan is-sens. Apparti hekk il-Malta Standards Authority (MSA) m'għandhiex tiġi abbandunata anzi għandu jkollha sehem ċentrali fil-moniteraġġ u l-għoti tal-liċenzji. Din l-entità hija kruċjali biex inżomm l-istandards fil-qasam soċjali li f'ċerta oqsma għadna lura hafna. Meta jkun hemm servizzi li mhux ilaħħqu mal-istandards, l-istat għandu jerġa' jeħodhom taħt ġwenħajh.

66. Għandu jkun hemm taħriġ għall-amministraturi fil-qasam soċjali, li jsir obligatorju dan f' kollaborazzjoni mal-UM.

67. Għandu jkun hemm aktar ħidma biex ikun hemm tfal Maltin addottati ħalli ma jkunx hemm ħtieġa t'istituti tat-tfal.

68. Il-pieni fuq vjolenzi fuq minoritajiet għandhom ikunu msaħħa u jsir aktar taħriġ lil min jaħdem fil-qasam tas-sigurtà bħal pulizija, kumpaniji tas-sigurtà private u LESA fost oħrajn.

69. Il-pulizija għandhom ikunu mħarrġa aktar kif jiddiljaw ma' nies li sfaw vittmi. Dan għandu jsir f' kollborazzjoni mad-diversi Kummissarjati u l-UM.

70. Għandna nkunu ċari x'qed jiġri fil-qasam tal-parental alienation.

71. Il-qasam tas-saħħa mentali għadu sparpaljat; hemm nuqqas ta' servizzi fil-komunità, hemm ħtieġa ta' aktar għarfien, ħtieġa ta' sptar ġdid, illum qabel għada. Il-kura ma tistax issir jew tkun effettiva ġo binja li mhi tajba għal ebda użu.

72. Ninħtieġu aktar housing affordabbli u skemi li jħarsu lill-bniedem u mhux kemm insodduhom b' ċavetta. Qed issir riċerka f'dan ir-rigward u rridu nkomplu naħdmu qatigħ.

73. Irridu niġġieldu l-burokrazija esaġerata u insensata u l-framentazzjoni bejn dipartimenti, entitajiet u ministeri. Nistgħu nagħmlu dan bl-użu tal-blockchain u t-tranġar tal-liġijiet tad-Data Protection (ħalli jkun jista' jsir exchange t'informazzjoni bejn entitatjiet tal-Gvern ħalli ma jiġux ripetuti l-assessments – frustrazzjoni kbira għal min qed jirċievi s-servizz).

74. Il-ħajja qed togħla – u magħha qed ibatu kategorija ta' nies li mhux ilaħħqu. Irrid inżid li l-klassijiet soċjali qatt daqs illum m'huma jsiru aktar pronunzjati bil-klassi medja u ta' fuq donnhom jieħdu r-ruħ u jkunu xxamplati u l-klassi t'isfel issofri mhux ftit. Il-working poor qed isiru realtà aktar qawwija u veritirja.

75. Irridu nindirizzaw l-problema ta' child carers. Din kwistjoni kbira u silenzjuża. Nemmen li l-aġenziji li jaqgħu taħt l-FSWS għandu ikollhom rwol prinċipali.

76. Irridu strutturi li jgħinu lil dawk il-persuni traffikati u dawk li qegħdin jiġu abbużati u mbuttati biex jaħdmu fil-prostituzzjoni. Hemm bżonn isir xogħol minħabba trawma li jsofru. Il-ħtieġa ta' ħidma minħabba problemi ta' trawma tapplika ruħha wkoll f'oqsma soċjali oħra.

77. Ninħtieġu aktar miżuri immirati lejn il-familji ħalli l-familja tibqa' tiffunzjona. Il-bidliet fix-xejriet tal-familja jinħtieġu studju u analiżi u anke servizzi u sapport adegwat speċjalment f'dan iż-żmien transitorju.

78. L-allowance tad-diżabilità mhix adegwata. Ma tgħinek issolvi xejn jekk ma jkollokx l-għajununa tal-familja. L-AD(H)D hija l-mamma ta' ħafna sfidi t'imġiba. Ninħtieġu nindirizzawha. Hemm bżonn jinħoloq forum nazzjonali.

79. Bil-biljun u nofs li jintefqu kull sena għal qasam soċjali, aktar minn 800 miljun fil-qasam edukattiv u tant ieħor fuq is-saħħa, apparti l-flus fuq il-housing soċjali u l-iskemi l-oħra, inħoss li għandu jkollna aktar 'return on investment'. Allura dan il-qasam għandu jkun ggvernat b'miżuri ta' checks and balances biex inkunu żguri li l-flus qed imorru fejn hemm l-aktar bżonn u li nassiguraw li minn dik l-ispiża kollha l-aspett amministrattiv ma jiżboqx l-20% u l-kumplament imorru direttament għall-kura tal-persuna. Kif jista' jkun, wieħed jistaqsi, qed jiżdied il-bżonn tas-soup kitchens, it-tqassim tal-ikel tal-Leap Centers u l-Millenium Chapel huwa kruċjali għall-familji u nibqgħu nisimgħu bil-homeless. Xi ħaġa, x'imkien mhux tinkwadra – kieku kif b'dawn il-flus kollha ta' kull sena jibqgħu jikbru l-problemi. Hemm bżonn awditjar fil-fond.

80. Hemm problema bil-pensjonijiet tal-anzjani. Dawn sempliċiment jagħmluk fqir. Dawk l-anzjani li ma jkollhomx xi ħaġa taħt rashom isofru ħafna u l-kwalità ta' ħajja tagħhom tiżżarma.

81. Kull individwu fil-pajjiż għandu jkollu l-opportunità li jaċċessa psikoterapista/counsellor kif tista' taċċessa tabib tal-familja.

82. Għandu jkollna politika nazzjonali dwar is-suwiċidju. Apparti hekk għandu jkollna 179 aktar imsaħħaħ. Tal-opinjoni li jkun hemm numru wieħed t'emerġenza u mhux kif għandna diversi numri ta' NGOs u tal-Gvern li jafu jħawdu lil min qed jitlob l-għajnuna. Għandha ssir merger ta' dawn in-numri differenti u s-servizzi jibdew jingħataw kemm mill-NGOs kif ukoll mis-servizzi tal-iStat.

83. Għandu jkollna pjan ta' kif inżidu postijiet ta' divertiment li huma 'safe'.

84. Għandu jkollna politika u strateġija soċjali post-covid tanġibbli u prattika fl-oqsma soċjali speċjalizzati.

85. Għandna verament noħolqu 'armata' magħmula mill-entitatjiet kollha biex tiġġieled id-droga – problema li ħaditna.

86. Ma rridux ninsew l-illitteriżmu, l-għajn ta' ħafna problemi. Din problema li ilha s-snin magħna u jinħtieġ tiġi indirizzata u solvuta. Li jibqgħu joħorġu tfal mill-iskola li ma jafux jaqraw u jiktbu hija tat-twerwir.

87. Għandha tinħoloq stuttura ta' emerġenza socjali meta sseħħ xi traġedja. Għalkemm ċert li l-professjonisti u l-FSWS jasgħmlu ħilithom, għandu jkun hemm tim li jkun parti mit-tim paramediku u anke mit-tim tas-CPD meta jkun hemm inċidenti li jistgħu jew jittrawmatizzaw lil-vittmi jew inkella jkollha bżonn għajnuna l-familja. Dan jista' jkun ukoll jaffettwa lill-first responders.

88. Irridu professjonisti bħal avukati, pulizija, periti u tobba li huma aktar sensittivi lejn min għaddej minn żmien iebes. Dan għandu jsir parti mit-taħriġ li jieħdu fl-UM.

89. In-nomenklatura li nużaw għandha tkun 'service user' u mhux 'klijent', qisu xi ħadd ġie jixtri mill-growser. Turi ukoll li l-persuna hija emanċipata. Dan il-proċess ta' użu approprijat tal-lingwa u t-terminoloġija għandha tibda tapplika f'kollox u ssir ħidma nazzjonali biex nindirizzaw l-użu ħażin tal-lingwa; lingwa sessista (bħal fil-liġijiet), lingwa li ma tirrispettax biżżejjed il-ġeneru u s-sesswalità, lingwa li tintuża mill-professjonisti li tikkategorizza u tillejbilja lin-nies. Inżommu f'moħħna li l-lingwa tirrifletti kif naħsbu.

90. Hemm bżonn jidħol il-kunċett ta' case management biex min għandu bżonn l-għajnuna ma jsibx ruħu/ruħha f'nofs ta' baħar imma jkollu min jakkumpanjah fil-mument li jiġu affaċjati minn xi saram.

91. Ninvestu fl-inner harbour region għax nafu li hemm ħafna problemi li huma amplifikati mill-ġentrifikazzjoni li għaddejja f'dik iż-żona. Il-kumitati tar-rijabilitazzjoni m'għandhomx ikunu sempliċiment iffukati biex iqassmu l-flus lill-klabbs tar-regatta jew biex jirranġaw xi sur, imma biex ikunu reżistenza u vuċi għan-nies meta jiġi l-ispekulatur biex jisloħ u jerda. Irridu wkoll nfasslu strateġija u programm soċjali għal Għawdex li għandu sfidi differenti minn reġjuni oħra.

92. Nifhmu li hemm Tramuntana u Nofsinhar f'kull lokalità - dan għandu jiġi indirizzat bi programm ta' żvilupp fil-komunità.

93. Il-partiti politiċi m'għandhomx jixprunaw firda fil-komunitajiet tagħna. Għandhom idaħħlu ftit sens kif iġibu ruhom.

94. Nużaw ir-riżorsi tal-komunità għad-divertiment imma anke biex inwieżnu lil xulxin u l-industriji tal-lokalità.

95. Naħdmu aktar mal-komunitajiet barranin. Nilqgħu u ngħożżu lill-barranin, speċjalment dawk li ġejjin minn żoni ta' periklu. Ninvestu riżorsi u taħriġ fil-komunitajiet barranin. Irridu noħolqu pontijiet permezz ta' programmi u skemi speċjali.

96. L-etika fl-imgiba professjonali tagħna għandha titjieb. Sar kważi lussu jew eċċezzjoni li nġibu ruħna kif suppost. Din id-dimensjoni fil-professjonijiet tagħna għandha nsaħħuha fit-taħriġ.

97. Is-soċjetà ċivili m'għandniex nippruvaw nħottuha imma nivvalutawha. Il-Knisja u l-Unions għandhom jsaħħu l-preżenza tagħhom fl-involviment fl-iStat speċjlament meta l-affarijiet mhux sejrin tajjeb u flimkien mal-knejjes l-oħrajn, għaqdiet non-governattivi għandhom ikunu l-frosta fuq l-Gvern u l-istituzzjonijiet.

98. Nindirizzaw l-problema tal-użura li qed tibla' familja wara oħra. Dak li qed taghmel il-Caritas Malta ġa tajjeb ħafna imma rridu nibnu fuq dan fuq livell nazzjonali.

99. Ninvestu sforz ta' vera biex nimplimentaw l-SDGs li għandhom ikunu l-ispina tal-politika tagħna.

100. Insiru komunità aktar 'zekzika' ħalli ngħinu u mhux ninjoraw lil xulxin. Irridu nitgħallmu nwieżnu lil xulxin u nkunu t'appoġġ. Irridu nerġgħu niskopru dawk il-valuri tajbin li kellna fl-imgħoddi u li għandhom jiġġeddu imma nżommuhom.

100 Ħtieġa fil-qasam tas-Saħħa Mentali

1. Ħtieġa ta' strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju u pjan nazzjonali għall-qasam tas-saħħa mentali li jiġi attwat. Apparti hekk investiment t'aktar riżorsi biex tingħata aktar ħajja l-istrateġija tas-saħħa mentali.

2. Ħtieġa ta' servizzi għat-tfal bi problemi ta' saħħa mentali għax kultant jasluli rapporti li hemm min idum żmien twil biex jinqeda mis-servizz tal-Gvern.

3. Ħtieġa ta' sociometric testing fuq nies li ħa jkollhom rwol fit-treġija t'aġenziji u awtoritajiet li jimmaniġjaw lin-nies.

4. Ħtieġa ta' rolling data base nazzjonali biex inkunu nafu kemm hemm persuni bi problemi ta' saħħa mentali u x'tip ta' kundizzjonijiet huma l-aktar prevalenti u kemm minn dawn jinsabu jieħdu servizzi fil-komunità jew f'settings residenzjali.

5. Ħtieġa ta' aktar riċerka empirika mill-Università u entitajiet edukattivi oħrajn ħalli nkunu nistgħu nersqu aktar lejn servizzi li huma evidence based. Ma jistax ikun jinfetħu aktar servizzi mingħajr ma ssir ir-riċerka neċessarja qabel dan iseħħ.

6. Ħtieġa li l-fażi prodromal fil-psikożi tiġi indirizzata ASAP ħalli jiġi evitat li persuni jitfaċċaw 'il quddiem bi kriżijiet ikbar. S'issa m'għandniex servizzi għall-psikożi bikrija.

7. Ħtieġa ta' spazji fejn naraw in-nies fihom (clinics) attrezzati kif suppost u mhux inħalluhom fil-kurituri.

8. Ħtieġa li dan il-fenomenu ta' self-harm li qed nisimgħu ħafna aktar dwaru, anke f' etajiet bikrija, jiġi studjat, analizzat u jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa.

9. Ħtieġa t'investiment ikbar fil-qasam tal-eating disorders fejn irridu nkomplu nimmudellaw is-servizzi fuq il-Fondazzjoni Kenn għal Saħħtek fejn hemm il-konverġenza bejn il-professjonisti u l-ħidma mal-persuni kkonċernati (inkluż mal-familja). Hemm ħtieġa wkoll ta' servizzi speċializzati oħra, per eżempju, għan-nies li jbatu minn borderline personality disorder fuq dan l-istess mudell. F'dawn l-oqsma rridu nsaħħu l-kunċett t'outpatients li jibqa' fondamentali fejn tidħol l-aftercare.

10. Ħtieġa t'aktar finanzjament għall-NGOs li jaħdmu f'dan is-settur u agreements fit-tul li jkunu tal-anqas 5 snin biex ikunu jistgħu jippjanaw fit-tul.

11. Ħtieġa ta' sptar ġdid dedikat għas-saħħa mentali fil-prossimità tal-iSptar Mater Dei li jinbena f'din is-sena li ġejja (u mhux nibqgħu inġebbdu u nillapazzaw) u li jakkomoda każijiet akuti biss. Ħtieġa ta' reviżjoni tal-operat tal-isptar tas-saħħa mentali tagħna. Il-kunċett ta' rutina li ddur madwar il-professjonisti għandha tiġi eliminata.

12. Ħtieġa ta' support pathways għal min għandu l-psikożi, depressjoni, anzjetà u eating disorders, fost oħrajn.

13. Ħtieġa ta' aktar korsijiet ta' first aid għas-saħħa mentali però li jsiru mandatorji fost l-għaqdiet u l-postijiet tax-xogħol. Apparti hekk hemm bżonn first aid ta' saħħa mentali speċjalizzat għal min jaħdem maż-żgħażagħ; older persons u popolazzjonijiet speċifiċi.

14. Ħtieġa li jiġu indirizzati l-issues marbuta mad-diskriminazzjoni li ssir mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni fil-konfront ta' persuni bi problema ta' saħħa mentali.

15. Ħtieġa ta' Segretarju Parlamentari għas-saħħa mentali. Ħtieġa li jinħoloq Guardian for the Protection of Mental Health and Social Wellbeing imsejjes fuq il-mudell ta' Guardian

of Future Generations. Ħtieġa wkoll t'agenzija nazzjonali għas-saħħa mentali fuq il-mudell tal-Agenzija SAPPORT biex tiġbor is-servizzi governattivi soċjali u jkollha liaison mas-servizzi tas-saħħa.

16. Ħtieġa t'aktar ħidma biex jonqos l-aċċess għall-alkoħol b'tant faċilità li nafu li huwa jew ir-risposta jew ir-raġuni għalfejn persuna jkollha żieda fi problemi ta' saħħa mentali.

17. Ħtieġa ta' aktar persuni pubbliċi li jieħdu r-rwol ta' Mental Health Ambassadors bhal Mario Galea u Claudia Faniello u oħrajn li jitkellmu dwar aspetti ta' saħħa mentali u kif affettwathom. Għandna noħolqu ambjent biex mhux biss jirrakontaw l-istorja tagħhom imma anke jixprunaw kritika fuq is-service provision. Irridu nsaħħu u nagħtu aktar spazju lill-patient advocacy groups.

18. Ħtieġa ta' programm partikolari fis-saħħa mentali mogħti minn professjonisti speċjalizzati wkoll għal dawk il-persuni li jidħlu f'pajjiżna b'talba għall-ażil jew għal status ta' refuġjat. Hemm bżonn li tali programmi jkunu culturally sensitive. Gruppi BME (Black, minority and ethnic groups) għandu jkollhom servizzi speċjalizzati.

19. Ħtieġa ta' aktar riżorsi li jingħataw għar-riċerka lid-Dipartiment tas-saħħa mentali fil-Fakultà tax-Xjenza tas-Saħħa u fil-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà. Għandna wkoll ninċentivaw biex aktar żgħażagħ u adulti jispeċjalizzaw u jaħdmu fil-qasam tas-saħħa mentali.

20. Ħtieġa ta' programm t'appoġġ għal dawk il-persuni li jkunu fil-fażi tranżitorja bħala persuni LGBTQI+ u l-familjari tagħhom minħabba l-pressjoni li timponi fuqhom il-komunità.

21. Ħtieġa t'aktar riċerka dwar l-intersezzjonalità ta' bejn realtajiet differenti p.eż. saħħa mentali u faqar li allura jkollhom bżonn jiġu ddiljati b'mod partikolari.

22. Ħtieġa biex ir-reklużjoni titneħħa mill-Ħabs, mis-sistema legali tagħna u titħalla biss f'każijiet estremi li jkunu ddettati fi protokolli ċari mill-awtoritajiet tas-saħħa.

23. Ħtieġa ta' programm għall-ġenituri li uliedhom għandhom problemi ta' saħħa mentali. Hemm ħtieġa ta' tisħiħ ta' servizzi għall-familja. Hemm bżonn ukoll aktar terapiji bħala ABA għal neurodevelopmental conditions, terapija tal-familja, CBT u trauma focused CBT, fost oħrajn. Irridu wkoll insaħħu s-sistemi tagħna biex nevitaw li jkun hemm sitwazzjoni ta' parental alienation.

24. Ħtieġa ta' taħriġ on going għal dawk li jaħdmu f'dan il-qasam permezz ta' CPD.

25. Ħtieġa li jkunu regolarizzati l-paġelli tal-professjonisti li jagħtu servizzi fil-privat. Ħtieġa biex issir riforma fil-qasam tal-care workers u li l-ħidma ta' dawn in-nies titla' f'livell aktar għoli u b'aktar taħriġ mandatorju.

26. Ħtieġa ta' servizzi ta' transizzjoni miż-żgħożija għall-età t'adulti, perjodu tranżitorju delikat ħafna u high risk.

27. Ħtieġa ta' aktar programmi t'awareness fuq il-midja. Ħtieġa għal aktar xogħol biex il-midja soċjali ma sservix aktar biex tagħmel pressjoni mentali fuq iż-żgħażagħ. Hemm bżonn aktar taħriġ mat-tfal fuq l-ipproċessar tal-midja (media education).

28. Ħtieġa ta' ħidma mal-Kunsilli Lokali biex jiġi evitat bullying u harassment ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali fl-ibliet u l-irħula permezz ta' programmi ta' community development.

29. Ħtieġa wkoll ta' reviżjoni tal-ligijiet li jipproteġu l-adulti.

30. Ħtieġa ta' review tas-servizzi fil-forensic unit tal-Corradino Correctional Agency. Ħtieġa ta' programm qawwi ta' trattament fil-Ħabs għar-residenti li għandhom problemi ta' saħħa mentali.

31. Ħtieġa t'aktar taħriġ lill-forzi tal-ordni; pulizija, CPD, LESA u AFM f'dak li huwa kif tiddilja ma' persuni bi problemi ta' saħħa mentali. Hemm bżonn ukoll programm ta' psycholoġiċal debriefing għal dawn in-nies li jaħdmu f'kuntesti fejn faċli wieħed jesperenza trawma minħabba x-xogħol li jkunu qed jagħmlu. Dan għandu wkoll ikun akkumpanjat minn assessments għal screening regolari għall-problemi ta' saħħa mentali li huma komuni f'dawn il-professjonijiet minabba n-natura kumplessa tax-xogħol.

32. Ħtieġa li ċerta skarsezza ta' pinolli bal p.ez. ir-Ritalin għandhom jiġu indirizzati.

33. Ħtieġa ta' anqas użu ta' pinolli u jekk hemm aktar talk therapy li tista' tintuża bħala alternattiva, għandna ninvestu aktar fi psikoloġi, counsellors, psikoterapisti, terapisti tal-familja, youth workers, social workers fost oħrajn. Għandu jkun hemm ħolqien ta' kuxjenza fuq dawn it-terapiji alternattivi u l-aċċess għalihom.

34. Ħtieġa għal riforma fil-Qrati fejn tikkonċerna s-saħħa mentali. Ma jistax ikun li l-allegati perpetraturi ta' vjolenza jkunu fl-istess kurituri, awla u bilqegħda ħdejn xulxin ma' professjonisti, esperti u vittmi. Għandu jkun hemm sistema t'anonimità għall-vittmi u anke għall-esperti u l-professjonisti. Is-servizzi tal-Qrati b'mod ġenerali għandhom jitjiebu għax id-dewmien, il-proċeduri laborjużi, il-battibekki qed iħallu impatt enormi fuq il-persuni li jmissu ma' dik l-istituzzjoni.

35. Ħtieġa li min ikollu bżonn isiefer għal trattament jibqa' jiġi segwit minn Malta wkoll u mhux 'jintilfu' fis-sistema.

36. Ħtieġa t'aktar xogħol dirett u servizzi ma' perpetraturi ta' vjolenza fuq adulti u tfal.

37. Ħtieġa biex isir xogħol ta' monitoring fuq tfal li qed jibdew jagħtu sinjali ta' problemi ta' saħħa mentali fil-forom wiesa' tagħha. Għandu jsir xogħol mal-iskejjel fuq hekk.

38. Ħtieġa biex isiru programmi aktar intensivi ta' anger management li tidher hija issue li qed tikber f'pajjiżna.

39. Ħtieġa biex ikollna ekonomija li tgħin biex jitnaqqsu l-pressures li jġibu per eżempju l-loans tad-djar fuq il-familji u l-aspettativi għoljin li qed jintefgħu fuq in-nies biex ikollhom standard of living. Ħtieġa t'ekonomija li ma żżarmakx fuq livell uman. Ħtieġa ta' work-life balance ta' vera. Ħtieġa biex il-Unions jingħataw aktar riżorsi biex jgħinu ħaddiema li għaddejjin minn problemi serji. Ħtieġa biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali għax dawn jikkawżaw pressjoni mentali. Ħtieġa ta' kampanji kif inkunu ferħanin u kif ikollna kwalità tal-ħajja.

40. Ħtieġa ta' aktar korsijiet speċjalizzati mill-istituzzjonijiet edukattivi f'gaps li jiġu identifikati f'dan is-settur.

41. Ħtieġa ta' Kummissarjat ta' saħħa mentali li huwa aktar voċiferu u effettiv u li jista' jġib il-bidla għax ikollu l-poteri meħtieġa.
42. Ħtieġa ta' studju nazzjonali dwar trawma fit-tfal li twassal għall-impatt negattiv fil-futur.
43. Ħtieġa ta' taħriġ speċjalizzat fis-saħħa mentali għal min jaħdem f'postijiet bħall-ħabs, detenzjoni u servizzi residenzjali oħrajn. Għandhom ikunu trauma trained and informed.
44. Ħtieġa li ninvestu fir-reżiljenza u fl-iżvilupp emottiv tat-tfal kif ukoll kif jirregolaw l-emozzjonijiet tagħhom. Dan flimkien mal-mental health first aid għandu jsir parti integrali mill-kurrikulu.
45. Ħtieġa ta' protezzjoni ta' persuni fit-tmexxija minn nies li jridu jattakkaw l-integrità ta' dak li jkun. Hemm bżonn nibdew nitkellmu dwar l-cancel culture li qiegħda ssir aktar qawwija u predominanti kontra min jitkellem is-sew.
46. Ħtieġa ta' aktar servizzi soċjali u benefiċċji li huma intenzjonati jgħinu fl-integrazzjoni tal-persuni bi problema ta' saħħa mentali milli biex noħolqu dipendenza.
47. Ħtieġa ta' taħriġ tal-ġurnalisti biex ikunu jafu kif jitrattaw stejjer dwar saħħa mentali u ma jkomplux juru lill-persuni bi problema ta' saħħa mentali bħala msieken u fejn ifittxu biss is-sensazzjonaliżmu.
48. Ħtieġa t'anqas użu faċli ta' trankwilizzanti fil-Ħabs u minflok niffukaw fuq talk therapy. Ħtieġa ta' servizzi ta' lqugħ meta nies jidħlu l-Ħabs, spejċalment fl-ewwel fażi.
49. Ħtieġa biex ikun introdott suġġett fil-kurrikulu mil-livell primarju 'il fuq ta' kif tieħu ħsieb saħħtek.
50. Ħtieġa ta' aktar spazju u riżorsi biex nies jagħmlu użu mil-life coaches u mill-mindfulness.
51. Ħtieġa t'aktar spazji miftuħa ta' rikreazzjoni u postijiet ta' serħan għall-familji.
52. Ħtieġa t'aktar terapisti speċjalizzati f'dan is-settur li jkollhom kuntratti ta' xogħol fuq l-livell tat-tobba li qed jaħdmu biss mal-Gvern u allura jkollhom packages aħjar. Hawn brain drain li jinħtieġ tiġi indirizzata.
53. Ħtieġa ta' programm nazzjonali kontra s-solitudni. Din l-issue tal-loneliness għandha bżonn tiġi indirizzata u għandu jinħoloq Segretarju Parlamentari ffukat fuq hekk. Ħtieġa wkoll biex nies li huma homeless u roofless (li qed jiżdiedu) jingħataw l-għajnuna li jixirqilhom u jinħtiegu.
54. Ħtieġa ta' inċentivi biex organizzazzjonijet privati jkollhom l-għajnuna kollha biex jiżviluppaw l-operat.
55. Ħtieġa t'aktar rizorsi biex ikun hemm sistema t'emerġenza aktar effettiva u speċjalizzata f'dan is-settur u li għandu jkun hemm tim on-site meta jkun hemm inċidenti jew sitwazzjonijiet li jaf ikun hemm sistemi ta' urġenzi psikjatriċi.
56. Ħtieġa li jinħoloq tim speċjalizzat biex jagħti aħbar t'imwiet jew ferimenti serji lill-familjari. Dan it-tim għandu jaħdem ukoll mal-vittmi ta' kriminalità li tħalli marka kbira fuq il-ħajja ta' persuna.
57. Ħtieġa ta' kampanja kif l-annimali jistgħu jservu ta' sapport u terapija speċjalizzata għal min għandu problemi ta' saħħa mentali. Naturalment għandna nippreservaw l-wellbeing tal-annimali wkoll.

58. Ħtieġa ta' aktar ħidma biex ngħinu lil min għandu problemi t'użura li jwasslu għall-pressjoni mentali kbira.

59. Ħtieġa ta' kampanja aktar b'saħħitha dwar kif wieħed jaħdem bi pressjoni fuq il-post tax-xogħol. Ħtieġa ta' aktar investiment fl-ekoloġija u d-diżinn tal-postijiet tax-xogħol, b'kuluri, għamara, dawl aħjar u strutturi li huma mental health friendly. Għandu jinħoloq ukoll mental health risk assessment u jiġu introdotti mental health breaks fuq il-post tax-xogħol.

60. Ħtieġa li ngħinu tinħoloq soċjetà aktar empatika fejn inreġġgħu lura l-arloġġ fejn jidħlu ċerti valuri fondamentali bħal li nħarsu lil xulxin, rispett lejn l-oħrajn u fejn li tagħti komfort lill-ġirien ta' madwarek terġa' ssir raison d'être tagħna.

61. Ħtieġa ta' riċerka biex nifhmu l-impatt tal-covid fuq l-istat mentali tal-membri tal-komunitajiet tagħna.

62. Ħtieġa t'aktar riċerka biex nifhmu għalfejn persuni qed jirrikorru għall-alkoħol, droga u vizzji oħra.

63. Ħtieġa ta' riċerka speċjalizzata fuq l-impatt fuq il-moħħ u l-aspetti soċjali bid-dħul tal-ħaxixa bħala droga legali.

64. Ħtieġa ta' kampanja biex in-nies jitgħallmu jorqdu aħjar u jużaw tajjeb il-ħin ta' mistrieħ.

65. Ħtieġa biex il-postijiet tax-xogħol jaddottaw skemi ta' ħidma fid-dar u ta' flessibbilità għall-ħaddiema.

66. Ħtieġa ta' kampanja u dħul ta' miżuri kontra t-traffiku. Ħtieġa li nnaqqsu t-travelling time.

67. Ħtieġa biex isiru aktar korsijiet f'livell terzjarju li jużaw għodod bħal Zoom u oħrajn ħalli jagħmluha aktar faċli għan-non-traditional learners biex ikomplu bl-istudji tagħhom.

68. Ħtieġa ta' skemi t'għajnuna psikoloġika għal dawk il-persuni li jkollhom tfal f'età bikrija u mhux mistenni.

69. Ħtieġa ta' programm soċjali t'għajnuna għal dawk li jiddeċiedu li jagħmlu abbort mingħajr biża' li jiġu mressqa quddiem il-Qrati kemm jekk huma persuni li għamlu l-abbort, kemm jekk huma familjari, kif ukoll professjonisti.

70. Ħtieġa ta' programmi ta' sapport għall-individwi jew koppji li ħa jibdew il-proċess tal-adozzjoni jew ġa qegħdin fiha, mhux nieqfu biss għal ftit viżti wara l-adozzjoni. Ħtieġa ta' programmi speċjalizzati għal min ikun wasal fi tmiem tal-ħajja tiegħu.

71. Ħtieġa ta' programmi t'għajnuna għal min jgħaddi minn trawma t'abbuż.

72. Ħtieġa t'aktar programm għal min ikun qed jistenna biex jibda programmi ta' IVF/ICSI. Din sitwazzjoni li tista' toħloq pressjoni ekonomika, soċjali u relazzjonali.

73. Ħtieġa li jsir investiment fid-dieti ħalli n-nutriment li nużaw jgħinna jkollna ħajja aħjar. Hemm bżonn ninċentivaw l-eżerċizzju fiżiku u għandhom jinħolqu inizjattivi fuq il-post tax-xogħol fuq hekk ukoll.

74. Ħtieġa ta' policies aktar b'saħħithom biex jingħata d-dritt li ma jkunx hemm expectations li persuna tiġi sfurzata taħdem wara l-ħin tax-xogħol.

75. Ħtieġa ta' programmi ta' għajnuna għal min isofri minn xi inċident tat-traffiku.

76. Ħtieġa t'aktar programmi għal min ikun għaddej minn bereavement.

77. Ħtieġa li nieħdu konjizzjoni b'aktar serjetà dwar x'qed jingħad fl-SDGs dwar is-saħħa mentali.

78. Ħtieġa ta' kampanja biex tonqos l-istigma fuq dan is-suġġett tas-saħħa mentali.

79. Ħtieġa li jkun hemm leġislazzjoni li tkun iebsa fuq id-diskriminazzjoni fil-qasam tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tax-xogħol fil-konfront ta' dawn il-persuni.

80. Ħtieġa akbar biex isir investiment f'servizzi fil-komunità u jinħolqu aktar ċentri fejn ikun hemm timijiet multidixxiplinari joffru servizz għal min għandu bżonn għajnuna fis-saħħa mentali. Irridu wkoll ninvestu ħafna fil-prevenzjoni.

81. Ħtieġa li jkun hemm nies speċjalizzati fil-management ta' social care services fil-qasam tas-saħħa mentali.

82. Ħtieġa biex il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa mentali jiġu riveduti kif ukoll isir compendium ta' dawn il-liġijiet ħalli jkunu aktar aċċessibbli.

83. Ħtieġa ta' servizzi integrati fejn tista' tinqeda għas-servizzi mingħajr ma jkollok iddur mal-erba' t'irjiħ tad-dinja biex issolvi issue.

84. Ħtieġa t'involviment ta' stakeholders, ġenituri, familjari, individwi konċernati u ħbieb fil-pjan ta' kura.

85. Ħtieġa ta' titjib fl-istuttura tal-IT biex iservu t'aktar koordinament f'dan il-qasam.

86. Ħtieġa ta' strateġija biex jitkompla l-proċess ta' deinstitutionalisation ħalli n-numru ta' nies li jkollhom bżonn ikunu f'kura residenzjali jkunu dawk li verament jinħtiġuha u mhux għax m'hemmx biżżejjed servizzi fil-komunità.

87. Ħtieġa li mal-formularju tal-pinolli li jagħti l-Gvern b'xejn jiżdiedu iktar pinolli moderni.

88. Ħtieġa ta' proċessi aktar ikkoordinati biex ma jkunx hemm overlapping speċjalment fil-fażi t'assessjar u fejn il-persuna jkollha tirrepeti l-istorja tagħha kontinwament.

89. Ħtieġa biex l-istess tobba jibqgħu jiffolowjaw lill-pazjenti wara li jkunu ħarġu mill-isptar u mhux minħabba r-rotazzjoni tat-tobba jkollhom dejjem xi ħadd ġdid.

90. Ħtieġa ta' aktar ħidma mill-Unions u l-employers biex jipproteġu s-saħħa mentali tal-ħaddiema. Fuq il-post tax-xogħol għandu jkun mandatorju mental health first aider, policy kontra l-bullying u l-harassment u taħriġ għall-managers ta' kif għandhom jgħinu lin-nies tagħhom.

91. Ħtieġa biex nevitaw li l-persuni bi problemi ta' saħħa mentali jaqbzu minn servizz residenzjali u komunitarju għall-ieħor imma jkun hemm direzzjoni aktar ċara u programm ippjanat. Irridu ndaħħlu l-case officers biex ikun hemm punt konsistenti ta' riferiment għall-persuna bi problema ta' saħħa mentali.

92. Ħtieġa ta' iktar therapeutic communities fuq il-mudell tal-Ibwar (Caritas Malta) għall-adolexxenti li mhux bil-fors ibatu mill-vizzju tad-droga.

93. Ħtieġa t'aktar riċerka li tiġi ddemokratizzata għall-użu popolari ħalli n-nies jifhmu aktar x'qed iseħħ, per eżempju kif isir mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u r-Richmond Foundation.

94. Ħtieġa li s-settur tal-qasam tas-saħħa mentali jkunu l-priorità tal-Gvern għal dawn is-snin li ġejjin minħabba li hija problema li dejjem qed tikber.

95. Ħtieġa ta' strateġija biex tiġi indirizzata l-ADD/ADHD.

96. Ħtieġa li l-qasam tad-dementia u l-qasam tal-epilepsija jingħataw aktar riżorsi.

97. Ħtieġa ta' struttura għaż-żgħażagħ u l-adoloxxenti li huma fil-periklu li jsibu ruħhom fil-kriminalità.

98. Ħtieġa biex persuni b'neurodevelopmental conditions u learning disabilities fl-iskejjel u fil-postijiet tax-xogħol għandhom jiġu appoġġjati u aktar milli jinbidlu huma s-soċjetà għandha tinbidel fil-mod kif titrattahom.

99. Ħtieġa biex l-arti, il-mużika, l-isport ikunu aktar aċċessibbli għall-persuni bi problemi ta' saħħa mentali kemm mil-lat terapewtiku kif ukoll mil-lat ta' divertiment u t'espressjoni tal-ħsus.

Vera li teżisti strateġija tas-saħħa mentali imma dawn huma l-ħtiġijiet li qed nara jien bħala priorità. F'dan l-eżerċizzju kkonsultajt ma' psikjatri, psikoloġi, letturi, NGOs u persuni li għaddejjin jew għaddew minn problemi ta' saħħa mentali.